# NINU CREMONA, lingwista u kittieb (1880-1972)



Ninu Cremona twieled ir-Rabat Għawdex fis-27 ta' Mejju 1880 minn Feliċ u Margaret Pace imwielda l-Munxar. Missieru miet meta Ninu kellu tliet snin, u sentejn wara mar jgħix ma' zijuh f'Tuneż. Hemmhekk ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola tal-*Freres* u fil-kulleġġ St. Charles. Meta kellu tmien snin ġie lura Malta u kompla l-edukazzjoni tiegħu s-Seminarju ta' Għawdex u tal-Furjana, fejn iltaqa' mal-poeta Dun Karm Psaila.

Fl-1900 Cremona daħal skrivan mal-Gvern u fl-1904 sar Spettur tas-Sanità wara kors fl-*Ashton School of Hygene* fl-Università ta' Liverpool. Fl-1928 sar l-editur responsabbli għat-traduzzjonijiet u pubblikazzjonijiet kollha tal-Gvern. Cremona kien jgħallem il-Malti fil-klassijiet ta' filgħaxija u fl-1936 sar l-ewwel għalliem tal-Malti fil-Liċeo. Kien ukoll eżaminatur tal-Malti fl-Università.




Cremona kien ukoll wieħed mill-Fundaturi tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, illum magħrufa bħala l-Akkademja tal-Malti. Għamel żmien Viċi-President tagħha u wieħed mill-edituri ta' *Il-Malti*, ir-rivista tal-Għaqda. Fl-1925 ippublika esej dwar l-istudju tal-ilsien Malti bis-suġġett *X'inhu l-Malti Safi.* Fl-1934 ippublika wkoll grammatika tal-Malti bl-isem ta' *Tagħlim fuq il-Kitba Maltija.* Diversi kitbiet tiegħu jixhdu l-interess kontinwu tiegħu fil-lingwa, fil-folklor u fl-istorja. Kiteb xi bijografiji, drammi fosthom *Il-Fidwa tal-Bdiewa*, poeżiji u proża.

Ninu Cremona miet fl-4 ta' Jannar 1972, ta' 92 sena.

lehhilmalti@gmail.com **LEĦĦ IL-MALTI** lehhilmalti@gmail.com




## L-ISTAĠUNI, ix-XHUR u l-ĠRANET tal-ĠIMGĦA

| | | |
|---|---|---|
| Jannar | Frar | Marzu |
| April | Mejju | Ġunju |
| Lulju | Awwissu | Settembru |
| Ottubru | Novembru | Diċembru |

| | | |
|---|---|---|
| il-Ħadd | it-Tnejn | it-Tlieta |
| l-Erbgħa | il-Ħamis | il-Ġimgħa |
| is-Sibt | | |

**NOTA:** L-ismijiet tax-xhur u tal-jiem tal-ġimgħa jinkitbu b'ittra KBIRA filwaqt li l-ismijiet tal-istaġuni jinkitbu b'ittra żgħira.

**leħħ il-Malti**
nitgħallmu u nikbru flimkien fit-tagħlim tal-lingwa Maltija

Folja elettronika b'tagħrif lingwistiku, ortografiku, grammatikali u kulturali dwar il-lingwa Maltija maħruġa mid-Dipartiment tal-Malti fi ħdan il-Kulleġġ San Injazju sabiex il-lingwa tagħna tingħata l-valur li jistħoqqilha. Kull suġġeriment u/jew diffikultà huma ġentilment milqugħa fuq *lehhilmalti@gmail.com*